# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar il-Hamis 22 ta' Novembru,2001 .

### Citazzjoni numru : 118/2000G1(PC)

**Joseph u Maria konjugi Spiteri .**

**VS**

**Chairman, Korporazzjoni Enemalta .**

**Il-Qorti ;**
**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi huma propretarji tad-dar tal-abitazzjoni taghhom bla numru pero' bl-isem "Bambina House", Triq ta' Karkar, Xaghra, Ghawdex ;**

**Illi l-konvenut nomine ad insaputa tal-atturi u mhux skond l-arti u s-sengha qabad u wahhal arblu tal-hadid mal-garaxx u kanna ohra tal-hadid mal-kaxxa tat-tarag tal-istess fond hawn fuq u l-istess korporazzjoni ghaddiet minn fuqhom wires tad-dawl ;**

**Illi dana x-xoghol mhux biss ma sarx bil-konoxxenza tal-konvenuti imma adirittura ma sarx skond l-arti u s-sengha u fil-fatt minhabba t-twahhil tal-istess arblu u kanna hawn fuq imsemmija mal-proprjeta' tal-atturi, l-atturi qeghdin isofru danni konsistenti minn konsenturi kif ukoll min penetrazzjoni tal-ilma meta tkun x-xita ;**

**Illi l-konvenut nomine nonostanti d-diversi weghdiet tieghu li sejjer jirrimedja ghal dawn l-hsarat, huwa nomine baqa' inadempjenti, nonostanti wkoll li huwa nomine gie interpellat ghall-istess fini permezz ta' ittra ufficjali tas-sitta (6) ta' gunju, 2000 .**

**Talbu lill-konvenut nomine jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;**

1) **Tiddikjara illi l-konvenut nomine huwa l-uniku responsabbli ghal hsarat u danni sofferti mill-atturi fid-dar ta' l-abitazzjoni taghhom hawn fuq imsemmija li hija bla numru pero' bl-isem**

**"Bambina House", Triq ta' Karkar, Xaghra, Ghawdex u dana peress illi huwa nomine permezz ta' haddiema minnu nomine mqabbda esegwixxa x-xoghlijiet bi traskuragni u mhux skond l-arti u s-sengha ;**

2) **Konsegwentament tikkundanna lill-istess konvenut nomine sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilu nomine prefiss inehhi l-arblu minn mal-garaxx u l-kanna minn mal-kaxxa tat-tarag tal-fond hawn fuq imsemmi ;**
3) **F'kaz li l-istess zmien jghaddi inutilment ghaliex l-istess atturi m'ghandhomx jigu awtorizzati li jaghmlu l-istess xoghlijiet huma stess ghas-spejjez tal-istess konvenut nomine u taht id-direzzjoni ta' espert li jigi nominat ghall-istes fini ;**
4) **Tillikwida wkoll id-danni sofferti mill-atturi minhabba x-xoghol mhux skond l-arti u s-sengha maghmul u esegwit mill-konvenut nomine ;**
5) **Tikkundanna lill-istess konvenut nomine li jhallas lill-atturi d-danni kollha hekk sofferti u likwidati .**

**Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-sitta (6) ta' Gunju 2000 u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut nomine ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa imharrek .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Joseph Spiteri .**

**Rat ukoll ir-riferta pozittiva tal-korporazzjoni konvenuta li ggib id-data ta' l-20 ta' Lulju, tas-sena elfejn .**

**Rat in-nota ta' l-istess korporazzjoni illi ggib id-data tat-28 ta' Frar tas-sena elfejn u wiehed, fejn ammettiet it-talbiet attrici, stante li x-xoghlijiet mitluba mill-atturi kienu diga' twettqu .**

**Il-Qorti ghal hekk u in vista ta' din l-ammissjoni ta' l-istess korporazzjoni konvenuta, tiddecidi l-kawza dwar il-kap ta' l-ispejjez, peress illi l-mertu skond ma jirrizulta mill-istess nota jinsab ezawrit, billi tikkundanna lill-korporazzjoni konvenuta thallas l-ispejjez tal-kawza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Gunju tas-sena elfejn .**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur**

S11800G1(pc)
521